MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru 1121/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**FILIPPA CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Filippa Cauchi, ta' 26 sena, bint Emmanuel u Aloysia nee' Zammit, imwielda San Gwann nhar is-16 ta' Ottubru, 1980, residenti fil-fond Zebbugija, Triq il-Baruni V Azzopardi, Zebbug, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 493780(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Mejju, 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data xjentement laqghet

ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (Lm1,000.00).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi biex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha;

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imputata Filippa Cauchi hatja, izda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) ai termini tal-Artikolu 446 tal-Kapitolu 22 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------